Nru./No. 21,046
Prezz/Price
€10.80

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023
Friday, 28th April, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4653 - 4683
Government Notices ..... *4653 - 4683*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4683 - 4689
Police Notices ..... *4683 - 4689*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4689 - 4699
Notices to Mariners ..... *4689 - 4699*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 4699 - 4850
Employment Opportunities ..... *4699 - 4850*

Avviżi tal-Gvern ..... 4851 - 4859
Notices ..... *4851 - 4859*

Offerti ..... 4859 - 4866
Tenders ..... *4859 - 4866*

Avviżi tal-Qorti ..... 4867 - 4888
Court Notices ..... *4867 - 4888*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 540

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Ħatriet fuq il-Bord taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li, bis-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387), il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatar lil Dott. Anna Mallia bħala Deputy Chairperson u lil Dott. Paula Cauchi u Dott. Desiree Cassar bħala membri. Dawn il-ħatriet huma validi għall-perjodu ta' sitt snin b'seħħ mit-28 ta'April, 2023.

It-28 ta' April, 2023

Nru. 541

BORD TA' MONITORAĠĠ GĦAL PERSUNI DETENUTI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ħatar lil Dott. Patrizia Salerno bħala Membru fuq il-Bord ta' Monitoraġġ għal Persuni Detenuti minflok is-Sur Shamus Schembri Genovese.

Din il-ħatra tibqa' tgħodd sal-24 ta' Settembru, 2023.

It-28 ta' April, 2023

Nru. 542

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 54 imsejjaħ l-Att tal-2023 dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi.

It-28 ta' April, 2023

Nru. 543

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja

GOVERNMENT NOTICES

No. 540

MINISTRY FOR JUSTICE

Appointments on the Malta Arbitration Centre

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers vested in him by sub-article (2) of article 4 of the Arbitration Act (Cap. 387), the President of Malta acting on the advice of the Prime Minister, appointed Dr Anna Mallia as Deputy Chairperson and Dr Paula Cauchi and Dr Desiree Cassar as members. These appointments are valid for six years with effect from 28th April, 2023.

28th April, 2023

No. 541

MONITORING BOARD FOR DETAINED PERSONS

IT is notified for general information that the Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has appointed Dr Patrizia Salerno as Member of the Monitoring Board for Detained Persons in lieu of Mr Shamus Schembri Genovese

This nomination will remain valid until the 24th September, 2023.

28th April, 2023

No. 542

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 54 entitled the Representative Actions (Consumers) Act, 2023.

28th April, 2023

No. 543

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for

ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Axiak, is-Sa Marie Claire, Professional Executive, Aġenzija Komunità Malta

Portelli, is-Sur Terrence, Maniġer, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Zammit, is-Sur Rodrick, Professional Officer, Aġenzija Komunità Malta

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern f'barra minn Malta

Bonello, is-Sur Claude, Senior Counsellor, Pariġi, Franza

Tabone, is-Sur Alfred, First Secretary, Doha, l-Istat tal-Qatar

Xuereb, is-Sur Godfrey Carmel, Ambaxxatur, Washington, l-Istati Uniti tal-Amerika

Avukati

Meli, Dott. Kelly

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-28 ta' April, 2023

MJEG 21/2021/13
MJEG 21/2020/13
MJEG 21/2021/3
MJEG 21/2021/7
MFJG 21/2022

Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Public Officers/Employees

Axiak, Ms Marie Claire, Professional Executive, Community Malta Agency

Portelli, Mr Terrence, Manager, Asset Recovery Bureau

Zammit, Mr Rodrick, Professional Officer, Community Malta Agency

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Bonello, Mr Claude, Senior Counsellor, Paris, France

Tabone, Mr Alfred, First Secretary, Doha, State of Qatar

Xuereb, Mr Godfrey Carmel, Ambassador, Washington, United States of America

Advocates

Meli, Dr Kelly

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice

28th April, 2023

Nru. 544

MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet għamel dan l-ordni li ġej:-

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għall-Produzzjoni tal-Kannabis għal Skopijiet Mediċinali u ta' Riċerka huma b'dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar peress li l-miżuri previsti fil-leġislazzjoni imsemmija huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex jippromwovu t-trasparenza, sabiex jassistu lid-detenturi tal-liċenzji fl-operazzjonijiet tagħhom u sabiex itejbu s-sostenibbiltà tal-industrija lokali tal-kannabis.

It-28 ta' April, 2023

No. 544

MINISTRY FOR THE ECONOMY, EUROPEAN FUNDS AND LANDS

Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order

IN exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512) the Minister for the Economy, European Funds and Lands has made the following order:

The Production of Cannabis for Medicinal and Research Purposes (Fees) (Amendment) Regulations, 2023 is hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act for the reason that the measures established in the mentioned legislation are urgently required to promote transparency, to assist licence holders in their operations and to enhance sustainability of the local cannabis industry.

28th April, 2023

Nru. 545

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	28.4.2023 – 4.5.2023

It-28 ta' April, 2023

No. 545

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the the Economy, European Funds and Lands has approved the following acting appointment:

28th April, 2023

Nru. 546

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Hans Karl Attard bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard u dan għall-perjodu bejn il-21 ta' April, 2023 u t-2 ta' Mejju, 2023.

Illum, s-27 ta' April, 2023

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 546

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Hans Karl Attard to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Pierre Attard for the period between the 21st of April, 2023 and the 2nd of May, 2023.

Today the 27th April, 2023

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 547

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq San Filippu, il-Birgu (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 4657).

No. 547

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq San Filippu, Birgu (indicated on site plan on page 4657).

Triq Anġlu Mangion, Triq Ġanni Faurè u Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 4658).

Triq Mons. G. Depiro, ir-Rabat (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 4659).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mill-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Mejju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq San Filippu, il-Birgu. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta'Mejju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Anġlu Mangion, Triq Ġanni Faurè u Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta'Mejju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Mons. G. Depiro, ir-Rabat. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni u għajnuna jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

It-28 ta' April, 2023

Triq Anġlu Mangion, Triq Ġanni Faurè and Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien (indicated on site plan on page 4658).

Triq Mons. G. Depiro, Rabat (indicated on site plan on page 4659).

Any person who is obliged by law to form said road [including by acquiring land necessary for the same formation] has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd May, 2023 and 31st December, 2023, it will be starting road works in Triq San Filippu, Birgu. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd May, 2023 and 31st December, 2023, it will be starting road works in Triq Anġlu Mangion, Triq Ġanni Faurè and Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd May 2023 and 31st December 2023, it will be starting road works in Triq Mons. G. Depiro, Rabat. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.

Further information and assistance may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

28th April, 2023



INFRASTRUCTURE MALTA	CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: BIRGU
	N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Birgu.dwg	HEAD OF UNIT: N.V.	TRIQ SAN FILIPPU (Extents of Works are not binding but indicative)
		PROJECT LEADER: -	DATE: October 2022 / FILE NO: - / DRAWING NO: RD127/19
		DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1:5000 / REVISION: A / PAGE NO: 2



INFRASTRUCTURE MALTA

Issue	Alteration	Drawn	Checked	Approved

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Tarxien\2023 Tarxien.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: HAL TARXIEN
po Triq Karlu Maratta - Triq Ganni Faure
- po Triq Anglu Mangion
- SITE PLAN
(Extents of works AREN'T binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
March 2023	-	IMD113/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1 : 2500	A	3



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ing. Fredrick Azzopardi

S:\Traffic Management\2021\Rabat\2021 Rabat.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE:
IR-RABAT
TRIQ Mons. G. Depiro - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
JAN 2021	-	IM48/21

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	-	7

Nru. 548

ELEZZJONI KAŻWALI 2023
IL-MOSTA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fl-24 jum ta' April, 2023, biex jimtela l-post li tbattal minn Micallef Mikhail, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:

No. 548

CASUAL ELECTION 2023
IL-MOSTA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 24th day of April, 2023, to fill the seat vacated by Micallef Mikhail, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:

Numru ta' voti fil-Pakkett *Number of votes in Parcel* } **827**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **414**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
GAUCI JESMOND	760E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	67
Total *Total*	827

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi GAUCI JESMOND ġie elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that was elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum l-24 jum ta' April, 2023
Dated this 24th day of April, *2023*

JOE CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS V. DALLI R. DIMECH D. GALEA M. MIZZI
M. PORTELLI S. SANT V. SCERRI A. SCIBERRAS J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

It-28 ta' April, 2023 28th April, 2023

Nru. 549

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Għotja ta' darba għal persuni li daħlu uffiċjalment fis-servizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar, 1979, u li qabel din id-data għamlu xi żmien iservu f'dipartimenti tal-Gvern, iżda mhux bħala uffiċjali pubbliċi

SABIEX tiġi implimentata waħda mill-miżuri mħabbra fil-Baġit għas-sena 2023, il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Finanzi u x-Xogħol u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal fasslu l-Iskema li ġejja, biex tipprovdi għotja ta' darba għal persuni li daħlu uffiċjalment fis-servizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar, 1979 u li qabel din id-data għamlu xi żmien iservu f'dipartimenti tal-Gvern, iżda mhux bħala uffiċjali pubbliċi.

SKEMA

1. Tifsir

F'din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra:

"Malta" tfisser il-Gżejjer Maltin;

"applikant jew applikanti" tfisser ċittadin/i ta' Malta, li daħlu uffiċjalment fis-servizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar, 1979 u li qabel din id-data għamlu xi żmien iservu f'dipartimenti tal-Gvern, iżda mhux bħala uffiċjali pubbliċi;

"kariga pubblika" tfisser kariga bi ħlas fis-servizz pubbliku;

"perjodu effettiv" tfisser il-perjodu bejn id-data ta' meta l-applikant daħal uffiċjalment fis-servizz pubbliku u d-data tal-irtirar mill-istess servizz pubbliku;

"il-perjodu ta' kwalifika" tfisser il-perjodu mhux interrott li applikant għamel fis-servizz pubbliku mhux bħala uffiċjal pubbliku u li jibda f'xi żmien qabel is-16 ta' Jannar, 1979 u jintemm mal-ewwel ħatra uffiċjali bħala uffiċjal pubbliku wara s-16 ta' Jannar, 1979;

"uffiċjal pubbliku" tfisser id-detentur ta' xi kariga pubblika jew persuna maħtura biex taġixxi bħal dik;

2. L-Applikabilità tal-Iskema

Din l-iskema tapplika għall-perjodu ta' żmien li applikant ħadem fis-servizz pubbliku matul il-perjodu effettiv,

No. 549

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

A Once-Only Grant for persons who before officially joining the public service after 16th January, 1979, had served in Government departments but not as public officers

IN order to implement one of the measures identified in Budget 2023, the Prime Minister, the Minister for Finance and Employment and the Minister for Social Policy and Children's Rights have developed the following Scheme that aims to provide a once-only grant for persons who before officially joining the public service after 16th January, 1979 had served in Government departments but not as public officers.

SCHEME

1. Interpretation

In this Scheme, unless the context otherwise requires:

"Malta" means the Maltese Islands;

"applicant/s" means citizen/s of Malta who before officially joining the public service after 16th January, 1979 had served in Government departments but not as public officers;

"public office" means an office of emolument in the public service;

"public officer" means the holder of any public office or of a person appointed to act in such an office;

"qualifying period" means the uninterrupted period during which applicant served in the public service not as a public officer in any time starting before 16th January, 1979 and ending immediately on the first official appointment as public officer after 16th January, 1979;

"effective period" means the period between the date when applicant officially joined the public service and his/her date of retirement from same public service;

2. Area of applicability

This Scheme applies to the period of time applicants served in the public service during the effective period,

immedjatament wara li spiċċa l-perjodu ta' kwalifika. L-applikant huwa intitolat għall-għotja ta' darba għas-servizz mogħti matul il-perjodu effettiv.

Din l-iskema tapplika għal ċittadini Maltin li servew f'dipartimenti tal-Gvern matul il-perjodu ta' kwalifika, u li immedjatament kif intemm dan il-perjodu ta' kwalifika, ħadmu fis-servizz pubbliku.

L-Iskema tapplika wkoll għall-eredi ta' dawk l-individwi eliġibbli skont il-kundizzjonijiet tal-Iskema u li jkunu mejta meta ssir l-applikazzjoni għall-għotja taħt din l-Iskema.

L-Iskema ma tapplikax għal dawk l-individwi li jirċievu, jew għandhom id-dritt li jirċievu, pensjoni skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitlu 93), l-Att dwar il-Pulizija (Kapitlu 164) u l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kapitlu 220).

3. Kif tapplika u dokumenti meħtieġa

(i) Applikazzjonijiet ġodda taħt din l-Iskema għandhom isiru fuq il-formola tal-applikazzjoni murija fl-Iskeda ma' din l-Iskema u għandu jkun fihom it-tagħrif u d-dettalji kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-Iskema.

(ii) Fil-każ ta' applikazzjonijiet taħt din l-Iskema magħmula f'isem persuna mejta għandha ssir applikazzjoni mill-eredi. F'każ li jkun hemm aktar minn eredi wieħed, trid issir applikazzjoni waħda konġunta mill-eredi. Flimkien mal-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata wkoll dikjarazzjoni magħmula quddiem nutar li fiha jiġi ddikjarat min huwa/huma l-eredi tal-persuna mejta liema persuna mejta kienet eliġibbli sabiex tapplika għal din l-Iskema u min huwa l-eredi awtorizzat biex jirċievi l-pagament tal-għotja f'isem l-eredi kollha. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm id-dritt li jitlob il-preżentazzjoni ta' dokumenti oħra barra dawk imsemmija.

(iii) Il-ħlas tal-għotja jsir biss għal dawk l-applikazzjonijiet li jikkwalifikaw u li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema.

(iv) Persuni li applikaw u li kienu eliġibbli skont l-Iskemi mxandra fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Mejju, 2017, tas-17 ta' April, 2018, tas-26 ta' April, 2019, tat-8 ta' Mejju, 2020, tas-27 ta' April, 2021 u tad-29 ta' April, 2022, u li għadhom eliġibbli li jircievu pagament għaliex kienu eliġibbli skont it-

immediately after the end of the qualifying period. The applicant shall only be entitled to a once-only grant in respect of the service rendered during the effective period.

The Scheme applies to applicants who served in Government departments not as public officers during the qualifying period, and who immediately following the termination of such qualifying period served in the public service.

The Scheme also applies to the heirs of such individuals if they satisfy the conditions of this Scheme and if they are deceased when the application for the grant under the Scheme is made.

The Scheme does not apply to individuals who are in receipt of, or have a right to receive, a pension under the Pensions Ordinance (Chapter 93), the Police Act (Chapter 164) or the Malta Armed Forces Act (Chapter 220).

3. Manner of application and supporting documents

(i) New applications under this Scheme shall be made on the application form set out in the Schedule to this Scheme and shall contain all the information and details as required in the said form and in terms of this Scheme.

(ii) In the case of applications under this Scheme made by the heirs of the same *decujus*, the application shall be made by the heirs. Where there is more than one heir, there shall be made one joint application by the heirs. Together with the application, there shall be produced a declaration made by a notary public, in which declaration there shall be declared who the heir or heirs of the *decujus* is or are, and who is the sole heir authorized to receive payment on behalf of all heirs, on condition that the *decujus* was eligible to apply for the Scheme. The Department reserves the right to request the production of other documents besides the document herein mentioned.

(iii) Only those applications that are found to conform with the provisions of this Scheme shall be eligible for payment of the grant.

(iv) Persons who applied and were eligible under the Schemes issued in the Government Gazette of 2nd May, 2017, 17th April, 2018, 26th April, 2019, 8th May, 2020, 27th April, 2021 and 29th April, 2022 and are still eligible to receive payment under the same Schemes need not re-apply

termini tal-Iskema m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw taħt l-Iskema l-ġdida. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ser jipproċedi skont it-tagħrif mogħti mill-applikanti eliġibbli.

(v) Iżda f'każ ta' mewt ta' applikanti eliġibbli jew inkella ta' eredi awtorizzat, li kienu rċevew pagament/i taħt l-iskemi mxandra fl-2017, fl-2018, fl-2019, fl-2020, fl-2021 u fl-2022, trid issir applikazzjoni mill-ġdid taħt din l-Iskema mill-eredi awtorizzat skont kif spjegat fil-klawsola 3 (ii) hawn fuq.

(vi) Persuni eleġibbli li rtiraw fl-2022 u ma laħqux applikaw taħt l-Iskema ppubblikata fid-29 ta' April, 2022, kif ukoll persuni eleġibbli li ser jirtiraw matul l-2023 jistgħu japplikaw taħt din l-Iskema l-ġdida.

(vii) Persuni li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema u li jistgħu jkunu eliġibbli għall-għotja ta' darba għas-servizz mogħti matul il-perjodu effettiv, iżda li ser jirtiraw mis-servizz wara li tagħlaq l-iskema din is-sena, huma mitluba li japplikaw ukoll u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa. L-applikazzjoni tagħhom ser tinżamm mid-Dipartment tas-Sigurtà Soċjali u ssir effettiva meta l-persuna eliġibbli tirtira mis-servizz jew meta tilħaq l-età tal-irtirar, liema tiġi l-ewwel. Dawk il-persuni li diġà ssottomettew l-applikazzjoni tagħhom u għadha pendenti għax għadhom ma rtirawx jew ma laħqux l-età tal-irtirar, m'għandhomx għalfejn jerggħu japplikaw.

(viii) Applikazzjonijiet taħt din l-Iskema, inklużi d-dokumenti li għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni għandhom jintbagħtu bil-posta lid-Dipartment tas-Sigurtà Soċjali, f'38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta, VLT 1021, jew bil-posta elettronika fuq (kuntattdss@gov.mt), mhux iżjed tard mill-31 ta' Lulju, 2023. Għal aktar informazzjoni l-applikanti jistgħu jċemplu fuq freephone 153.

4. Għotja li titħallas taħt din l-Iskema

Applikanti li jikkwalifikaw skont il-perjodu ta' kwalifika, inkluż l-eredi fejn hu applikabbli, jistgħu japplikaw għall-għotja fir-rigward tas-servizz mogħti matul il-perjodu effettiv.

5. Ħlas tal-għotja

L-ammont tal-għotja għandu jitħallas lill-applikant eliġibbli direttament fil-kont bankarju skont l-istruzzjonijiet diġà magħrufa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Ebda imgħax m'għandu jibda jiddekorri fuq l-ammont tal-għotja dovuta lill-applikant.

under this new Scheme. The Department of Social Security will process payments on the basis of available details.

(v) However, in the case of the demise of an eligible applicant or authorized heir who received payment under the previous calls for applications, in 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 and 2022, a fresh application a fresh application under this new call has to be submitted by the heirs in the manner explained in sub-clause 3 (ii) above.

(vi) Eligible persons who retired in 2022 and failed to apply under the Scheme published on 29th April, 2022, as well as eligible persons who are due to reach retirement age in 2023 can apply under the new Scheme.

(vii) Persons who conform to the terms and conditions of the scheme and are accordingly eligible to the one-time grant for the effective period, but will reach retirement age after the scheme expires in December 2023 are requested to submit their application, accompanied by required documents. Applications will be kept in abeyance by the Department of Social Security and will be activated once applicants terminate their employment in the public service or reach retirement age, whichever comes first. Persons who have already submitted their application and whose applications are pending as they are still in service or reached retirement age, do not need to re-apply.

(viii) Applications under this Scheme, including the documents that are to be attached to the application, shall be sent by mail to the Department of Social Security in Malta, at 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, VLT 1021, or on (contactdss@gov.mt) by 31st July, 2023. For any further information or clarification applicants can call on freephone 153.

4. Grant payable under this Scheme

Applicants who are eligible according to the qualifying period, including heirs where applicable, may apply for a grant in respect of the service rendered during the effective period.

5. Payment of Grant

The amount of the grant will be paid to the eligible applicant by direct credit in the bank account of the eligible beneficiary as known to the Department of Social Security, acting on instructions of same beneficiaries. No interests shall run on the amount of the grant due to the applicant.

Hija kundizzjoni taħt din l-Iskema li applikant li jirċievi l-għotja jrid jirrinunzja għal kull pretenzjoni oħra futura marbuta mal-Iskema u jwaqqaf u jirtira kull kawża jew kawżi magħmula kontra l-Gvern, Awtorità jew entità oħra governattiva. Dan irid isir billi l-applikanti, jew l-eredi tagħhom, f'kull kawża jew kawżi jippreżentaw dikjarazzjoni maħlufa fir-reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn jiddikjaraw li qed iċedu u jirtiraw kull kawża jew kawżi pendenti. Prova ta' din ir-rinunzja u rtirar tal-kawża jew kawżi trid tiġi mehmuża mal-applikazzjoni kif spjegat fl-istess formola tal-applikazzjoni.

It is a condition of this Scheme that by accepting the grant, the applicant shall be renouncing to any other future claim related to this Scheme and shall withdraw any case presently instituted against Government, Authority or Government entity. Plaintiffs, or their authorised heirs, in each case or cases have to present a sworn declaration in the Registry of the Superior Courts to renounce and withdraw the case or cases. Proof of such renunciation and withdrawal must be presented together with the application, as explained on same application form.

6. Validità tal-applikazzjoni

Ma titqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u kompluta f'kull aspett materjali tagħha u kemm-il darba ma jkunx fiha t-tagħrif kollu mitlub fl-imsemmija applikazzjoni u dokumenti li jistgħu jiġu mitluba.

6. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested therein.

7. Reviżjoni ta' Deċiżjonijiet

Applikant li l-applikazzjoni tiegħu għall-ħlas ta' għotja taħt l-Iskema ma ġietx milqugħa, se jiġi infurmat b'dan ir-rifjut permezz ta' ittra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Applikant li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni meħuda għandu d-dritt jitlob reviżjoni tal-imsemmija deċiżjoni fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn meta jirċievi d-deċiżjoni. It-talba għal reviżjoni flimkien ma' kopja tal-ittra tar-rifjut u provi dokumentati għandhom jintbagħtu matul il-perjodu stabbilit permezz ta' ittra reġistrata lis-Segretarju tal-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet, f'38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta, VLT 1021.

Ir-reviżjoni tad-deċiżjoni għandha ssir mill-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet, liema Bord għandu jiġi stabbilit wara li tinħareg ordni mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol u tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Id-deċiżjoni tal-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet hija finali u m'għandu jkun hemm l-ebda appell mid-deċiżjoni tal-Bord.

7. Review of decisions

An applicant whose application for the payment of the grant under the Scheme is not acceded to shall be informed by the Department of Social Security of such refusal by means of a letter.

An applicant who feels aggrieved from the decision taken, has the right to request a revision of the said decision within twenty-one (21) days from the receipt of the decision. The request for a revision, together with a copy of the refusal letter, shall be sent within the established period by means of a registered letter addressed to the Secretary, Grant Review Board, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, VLT 1021.

The review of the decision shall be done by the Grant Review Board which Board shall be set up following an order issued by the Minister responsible for Finance and Employment and published in the Government Gazette. The decision of the Grant Review Board shall be final and there shall be no appeal from the decision of the Board.

8. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol ikollu d-dritt li jagħmel kull emenda f'din l-Iskema bil-pubblikazzjoni ta' dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Amendments to the Scheme

The Minister responsible for Finance and Employment shall have the right to make any amendments to this Scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

It-28 ta' April, 2023

28th April, 2023

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Formola tal-Applikazzjoni – 2023

Għotja ta' darba għal persuni li daħlu uffiċjalment fis-servizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar 1979 u li qabel din id-data għamlu xi żmien iservu f'dipartimenti tal-Gvern, iżda mhux bħala uffiċjali pubbliċi.		
It-tagħrif mitlub fis-sezzjonijiet minn 1.1 u sa 2.5 jrid jingħata f'kull applikazzjoni. It-tagħrif mitlub fis-sezzjonijiet minn 3.1 sa 3.6 jimtela biss jekk il-persuna li dwarha qed issir it-talba għadha ħajja.		
1.1	Isem u kunjom il-persuna li dwarha qed issir it-talba	
1.2	Numru tal-Karta tal-Identità	
1.3	Data tat-twelid	
2.1	Isem tal-korp jew natura tax-xogħol li kellu qabel ma nħatar uffiċjal pubbliku	
2.2	Numru ta' reġistrazzjoni tal-korp (jekk applikabbli)	
2.3	Data tal-ingaġġ fil-korp jew meta beda jaħdem f'xi dipartiment tal-Gvern qabel ma nħatar uffiċjal pubbliku	
2.4	Data tal-ħatra uffiċjali fis-servizz pubbliku	
2.5	Data tal-irtirar mis-servizz pubbliku	
3.1	Isem u/jew numru tar-residenza	
3.2	Isem tat-Triq	
3.3	Lokalità	
3.4	Kodiċi Postali	
3.5	Numru tat-telefon	
3.6	Numru tat-telefon ċellulari	
It-tagħrif mitlub fis-sezzjonijiet minn 4.1 sa 5.6 jrid jingħata biss jekk il-persuna li dwarha qed issir it-talba ġiet nieqsa*.		
4.1	Isem u kunjom l-eredi li hu/hi awtorizzat/a biex j/tagħmel l-applikazzjoni	
4.2	Numru tal-Karta tal-Identità	
5.1	Isem u/jew numru tar-residenza	
5.2	Isem tat-Triq	
5.3	Lokalità	
5.4	Kodiċi Postali	
5.5	Numru tat-telefon	
5.6	Numru tat-telefon ċellulari	

**Fil-każ ta' applikazzjonijiet magħmula minn eredi ta' applikanti li ġew nieqsa, mal-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni mingħand nutar, fejn jiġi ddikjarat min huwa/huma l-eredi tal-persuna mejta u min huwa/hija l-eredi awtorizzat/a biex j/tirċievi l-pagament tal-għotja f'isem l-eredi kollha. F'dak il-każ l-isem u l-kunjom u d-dettalji tal-eredi awtorizzat/a, irid jingħata fis-sessjonijiet minn 4.1 sa 5.6.*

L-applikazzjoni għandha tintbagħat bil-posta lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, f'38, Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta, VLT 1021, jew bil-posta elettronika fuq kuntattdss@gov.mt, mhux aktar tard mill-**31 ta' Lulju 2023.**

Tagħrif Importanti

It-tagħrif personali mogħti f'din l-applikazzjoni huwa protett u wżat skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

F'każ fejn ikun sar ħlas bi żball, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal jirriserva d-dritt li jiġbor lura l-ammonti li jkunu tħallsu bi żball. Kemm-il darba jirriżulta li saret talba qarrieqa, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal jista' jibda proċeduri kriminali kontra min ikun responsabbli.

It-tagħrif mogħti f'din il-formola tal-applikazzjoni ser jintuża mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

Dikjarazzjoni

Niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni huma korretti u sa fejn naf jien nikkwalifika biex nirċievi l-għotja ta' darba skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskema għal persuni li qabel ma daħlu uffiċjalment fis-servizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar 1979 għamlu xi żmien iservu f'dipartimenti tal-Gvern iżda mhux bħala uffiċjali pubbliċi.

Nagħraf li din t-talba hija waħda finali skont l-Iskema msemmija u meta naċċetta l-għotja, jien qed nirrinunzja għal kull pretenzjoni oħra futura marbuta mal-Iskema u nwaqqaf u nirtira kull kawża jew kawżi kontra l-Gvern, Awtorità jew entità oħra governattiva. Nifhem li r-rikorrenti, jew l-eredi tagħhom, f'kull kawża jew kawżi jridu jippreżentaw dikjarazzjoni maħlufa fir-reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn jiddikjaraw li qed iċedu u jirtiraw kull kawża jew kawżi pendenti.

Nifhem ukoll li l-għoti ta' informazzjoni falza jew qarrieqa fir-rigward ta' din il-formola ta' applikazzjoni huwa reat gravi u jista' jwassal għal ħtieġa li jkollha titħallas lura l-għotja sħiħa u li jittieħdu proċeduri kriminali.

_____	_____	_____
Firma tal-applikant/ Eredi awtorizzat/a	Numru tal-Karta tal-Identità	Data

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY AND CHILDREN'S RIGHTS

Application Form– 2023

Application for a once-only grant for persons who before officially joining the public service after 16th January 1979 had served in Government departments but not as public officers.		
Information requested in sections 1.1 to 2.5 to be filled in all applications. Information requested in sections 3.1 to 3.6 to be filled *only* if the person on behalf of whom the application is being made is still alive		
1.1	Name and surname of applicant or person on behalf of whom application is being made	
1.2	Identity Card number	
1.3	Date of birth	
2.1	Name of Corps or nature of employment prior to engagement in public service	
2.2	Registration number in a corp (if applicable)	
2.3	Date of enlistment in the corps or employment prior to being appointed as public officer	
2.4	Date of the first official appointment in the public service	
2.5	Date of retirement from the public service	
3.1	Name and/or number of residence	
3.2	Name of street	
3.3	Locality	
3.4	Postcode	
3.5	Telephone number	
3.6	Mobile number	
Information requested in sections 4.1 to 5.6 to be filled only if the person on behalf of whom the application is being made is deceased*		
4.1	Name and surname of heir authorized to apply	
4.2	Identity Card number	
5.1	Name and/or number of residence	
5.2	Name of street	
5.3	Locality	
5.4	Postcode	
5.5	Telephone number	
5.6	Mobile number	

**In the case of applications made by heirs of deceased applicants, a declaration made by a notary public is to be submitted with the application form, in which declaration there shall be declared who the heir/heirs are and who is the sole heir authorized to receive payment on behalf of all heirs. Only the name and details of the authorized heir to receive payment shall be filled in sections 4.1 to 5.6.*

This application together with all the relevant documents are to be sent by post to the: Department of Social Security, 38, Ordnance Street, Valletta, VLT 1021 or by e-mail on contactdss@gov.mt, by not later than **31st July 2023.**

Important Information

Personal information provided in this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act.

In the event of an incorrect payment of a claim, the Ministry responsible for Social Policy and Children's Rights reserves the right to recover funds paid in error. Where a fraudulent claim arises, the Minister responsible for Social Policy and Children's Rights may initiate criminal proceedings against those responsible.

The information shown on the application form will be used by the Ministry for Finance and Employment and the Ministry for Social Policy and Children's Rights.

Declaration

I declare that the details and the information in this application are correct and that I am eligible to receive a once-only grant in the Scheme for persons who on officially joining the public service after 16th January 1979 and had served in Government departments before 1979 but not as public officers.

I declare that this claim under this particular Scheme is final and that by accepting the grant I am renouncing to any other future claim related to this Scheme and withdraw any case or cases, presently instituted against Government, Authority or Government entity. I understand that plaintiffs or authorised heirs, in such case or cases have to additionally present a sworn declaration in the Registry of the Superior Courts to renounce and withdraw the case or cases.

I understand that giving false and misleading information in connection with this application form is a serious offence and may result in a requirement to repay the full grant and to face criminal proceedings.

_____	_____	_____
Signature of Applicant/ Authorised Heir	Identity Card No.	Date

Nru. 550

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Għotja ta' darba

SABIEX tiġi implimentata waħda mill-miżuri mħabbra fil-Baġit għas-sena 2023, il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal fasslu l-Iskema li ġejja, biex tipprovdi għotja ta' darba għal persuni li:

(a) kienu impjegati f'xi korporazzjoni jew entità fis-settur pubbliku wara li għamlu xi żmien iservu f'wieħed mill-korpi tax-xogħol imwaqqfa qabel l-1979; jew

(b) kienu impjegati mal-Gas Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-korporazzjoni Enemalta; jew

(c) kienu apprentisti mal-Malta Electricity Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-korporazzjoni Enemalta;

(d) daħlu fl-impjieg mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar, 1978 u l-15 ta' Jannar, 1979 u ma kkwalifikawx għal pensjoni tas-servizz u ma bbenefikawx minn xi skema ta' għotja ta' darba mill-2017 'l hawn.

SKEMA

1. Tifsir

F'din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra:

"Malta" tfisser il-Gżejjer Maltin;

"applikant jew applikanti" tfisser ċittadin/i ta' Malta li:

(a) kien/u impjegat/i f'xi korporazzjoni jew entità fis-settur pubbliku wara żmien iservi/u f'wieħed mill-korpi tax-xogħol imwaqqfa qabel l-1979;

(b) kien/u impjegat/i mal-Gas Board sakemm dan spiċċa u wara kien/u impjegat/i mal-korporazzjoni Enemalta; jew

(c) kien/u apprentist/i mal-Malta Electricity Board sakemm dan spiċċa u wara kien/u impjegati mal-korporazzjoni Enemalta.

(d) daħlu fl-impjieg mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar 1978 u l-15 ta' Jannar, 1979 u ma kkwalifikawx għal pensjoni tas-servizz u ma bbenefikawx minn xi skema ta' għotja ta' darba mill-2017 'l hawn.

No. 550

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Once-Only Grant

IN order to implement one of the measures identified in Budget 2023, the Prime Minister, the Minister for Finance and Employment and the Minister for Social Policy and Children's Rights have developed the following Scheme that aims to provide a once-only grant for persons who:

(a) were employed by corporations or entities in the public sector on their discharge from one of the labour corps established before 1979; or

(b) were employed in the Gas Board until its dissolution and afterwards were employed by Enemalta Corporation; or

(c) were apprentices in the Malta Electricity Board until its dissolution and afterwards were employed by Enemalta Corporation; or

(d) were engaged by Telemalta Corporation between 1st January, 1978 and 15th January, 1979 and did not qualify for a service pension or benefitted from any once-only grant schemes issued from 2017 onwards.

SCHEME

1. Interpretation

In this Scheme, unless the context otherwise requires:

"Malta" means the Maltese Islands;

"applicant/s" means citizen/s of Malta who:

(a) was/were employed by corporations or entities in the public sector on discharge from one of the labour corps established before 1979; or

(b) was/were employed in the Gas Board until its dissolution and afterwards was/were employed by Enemalta Corporation; or

(c) was/were apprentices in the Malta Electricity Board until its dissolution and afterwards was/were employed by Enemalta Corporation; or

(d) were engaged by Telemalta Corporation between 1st January 1978 and 15th January, 1979 and did not qualify for a service pension or benefitted from any once-only grant schemes issued from 2017 onwards.

"perjodu effettiv" għal persuni msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) hawn fuq tfisser, il-perjodu bejn is-16 ta' Jannar, 1979, jew id-data tal-ħatra uffiċjali f'xi korporazzjoni jew entità fis-settur pubbliku jekk kienet wara d-data imsemmija, u d-data meta l-applikant temm il-kariga tiegħu fis-settur pubbliku. Għal persuni li jaqgħu taħt punt (d) kif imfisser hawn fuq, "perjodu effettiv" għandu jfisser il-perjodu bejn is-16 ta' Jannar, 1979 u d-data meta rtiraw mill-impjieg tagħhom mal-korporazzjoni jew id-data ta' meta l-azjenda ġiet privatizzata.

2. L-Applikabilità tal-Iskema

Din l-iskema tapplika għall-perjodu ta' żmien li applikant ħadem fis-settur pubbliku matul il-perjodu effettiv. L-applikant huwa intitolat għall-għotja ta' darba għas-servizz mogħti matul il-perjodu effettiv.

L-iskema ma tapplikax għal dawk il-persuni li kienu jaħdmu mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar, 1978 u l-15 ta' Jannar, 1979 u li kkwalifikaw jew possibilment jikkwalifikaw għal pensjoni tas-servizz jew huma diġà eliġibbli u qed jirċievu ħlasijiet skont it-termini ta' din l-iskema jew xi skemi oħra simili, jew li bbenefikaw minn xi rimedji li ngħataw mill-Qrati jew b'xi mezz ieħor.

Talbiet minn persuni oħra li kienu impjegati mal-Korporazzjoni Telemalta qabel 1 ta' Jannar, 1978 jistgħu jiġu kkunsidrati kemm-il darba jissodisfaw il-kriterji l-oħra imsemmija ta' eliġibilità.

Din l-iskema tapplika għal ċittadini Maltin li huma msemmija f'taqsima (1) aktar 'il fuq.

L-Iskema tapplika wkoll għall-eredi ta' dawk l-individwi eliġibbli skont il-kundizzjonijiet tal-Iskema.

L-Iskema ma tapplikax għal dawk l-individwi li jirċievu, jew għandhom id-dritt li jirċievu, pensjoni skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitlu 93), l-Att dwar il-Pulizija (Kapitlu 164), l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kapitlu 220) jew xi pensjoni tas-servizz oħra.

3. Kif tapplika u dokumenti meħtieġa

(i) Applikazzjonijiet ġodda taħt din l-Iskema għandhom isiru fuq il-formola tal-applikazzjoni murija fl-Iskeda ma' din l-Iskema u għandu jkun fihom it-tagħrif u d-dettalji kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-Iskema.

(ii) Fil-każ ta' applikazzjonijiet taħt din l-Iskema magħmula f'isem persuna mejta għandha ssir applikazzjoni mill-eredi. F'każ li jkun hemm aktar minn eredi wieħed, trid

"effective period" for persons referred to in points (a), (b) and (c) above means, the period between 16th January, 1979, or the date of the official appointment of an applicant with a corporation or entity in the public sector if such date is after the above-mentioned date, and the date when such applicant terminated his employment in the public sector. For persons referred to in point (d) above, "effective period" shall mean the period between 16th January, 1979 and the date of termination of their employment with the corporation or the date of privatisation of the corporation.

2. Area of applicability

This Scheme applies to the period of time applicants served in the public sector during the effective period. The applicant shall only be entitled to a once-only grant in respect of the service rendered during the effective period.

The scheme does not apply for those persons who were engaged by Telemalta Corporation between 1st January, 1978 and 15th January, 1979 but have qualified or may qualify for a service pension or are already in receipt of payments under the terms of this scheme, or any other similar schemes, or benefitted from any redress decreed by the Law Courts or any other measures.

Applications from persons who were engaged by Telemalta Corporation prior to 1st January, 1978 may be considered if they satisfy other eligibility criteria of this scheme.

The Scheme applies to citizens of Malta as defined in section (1) above.

The Scheme also applies to the heirs of such individuals if they satisfy the conditions of this Scheme.

The Scheme does not apply to individuals who are in receipt of, or have a right to receive, a pension under the Pensions Ordinance (Chapter 93), the Police Act (Chapter 164) or the Malta Armed Forces Act (Chapter 220) or any other service pension.

3. Manner of application and supporting documents

(i) New applications under this Scheme shall be made on the application form set out in the Schedule to this Scheme and shall contain all the information and details as required in the said form and in terms of this Scheme.

(ii) In the case of applications under this Scheme made by the heirs of the same decujus, the application shall be made by the heirs. Where there is more than one heir, there

issir applikazzjoni waħda konġunta mill-eredi. Flimkien mal-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata wkoll dikjarazzjoni magħmula quddiem nutar li fiha jiġi ddikjarat min huwa/huma l-eredi tal-persuna mejta liema persuna mejta kienet eliġibbli sabiex tapplika għal din l-Iskema u min huwa/hija l-eredi awtorizzat/a biex j/tirċievi l-pagament tal-għotja f'isem l-eredi kollha. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm id-dritt li jitlob il-preżentazzjoni ta' dokumenti oħra barra dawk imsemmija.

(iii) Il-ħlas tal-għotja jsir biss għal dawk l-applikazzjonijiet li jikkwalifikaw u li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema.

6.2. L-applikanti eliġibbli jintalbu jagħmlu test ta' proficjenza fil-Malti u ieħor fl-Ingliż organizzat mill-MEYR. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 480. Iż-żewġ testijiet ta' proficjenza għandhom f'daqqa marka massima ta' 400 u persuna trid iġġib 280 biex tgħaddi, waqt li l-intervista għandha marka massima ta' 400 u minimu ta' 200. Il-Kriterji tal-Assessjar jistgħu jinkisbu minn (https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx).

6.3. Jiġu intervistati biss dawk il-kandidati li jġibu tal-anqas 70% tal-marka f'kull test ta' proficjenza minn bord tal-għażla, li jiddetermina min hu addattat għall-post. Fl-intervista l-applikanti jridu jippreżentaw portafoll professjonali li jinkludi fih l-aspetti ewlenin tal-iżvilupp professjonali tagħhom fit-tagħlim u xi riżorsi ta' tagħlim maħluqa minnhom u preżentazzjoni qasira ta' ħames minuti ta' suġġett flimkien mal-portafoll tagħhom. L-applikanti huma mistennija li jkollhom tagħrif bażiku fuq l-istruttura u l-organizzazzjonijiet tal-Iskejjel Ewropew. Dawn jistgħu jiġu aċċessati minn (http://eursc.org/).

6.4. It-testijiet ta' proficjenza, ta' siegħa l-wieħed, se jsiru fi ħdan l-MEYR. Tintbagħat ittra elettronika bid-data/ħin u l-post lill-applikanti li huma eliġibbli.

6.5. Notifika ta' pubblikazzjoni tar-riżultat tista' tiġi aċċessata minn (https://education.gov.mt/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx).

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1. L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Online Recruitment Portal tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

Community language (EU). Knowledge of the language of the place of employment is desirable.

6.2. Eligible applicants will be required to sit for a proficiency test in the Maltese and English languages organised by MEYR. The maximum mark for this selection process is 800 and the pass mark is 480. The Proficiency Tests have a maximum mark of 400 and a pass mark of 280, while the interview carries a maximum mark of 400 and a minimum of 200. The Assessment Criteria can be accessed on (https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx).

6.3. Only candidates who obtain at least 70% of the marks allocated for each proficiency test will be interviewed by a selection board to determine their suitability for the post. At the interview applicants are expected to present a professional portfolio highlighting aspects of the teaching and learning process including teaching resources and a brief five minute presentation of a topic alongside their portfolio. They are also expected to have a basic knowledge of the European Schools structure and organisations which can be accessed from (http://eursc.org/).

6.4. The proficiency tests of one hour each duration, will be held within MEYR. An email with date/time and place will be sent to eligible applicants.

6.5. A notification of results published can be accessed on: (https://education.gov.mt/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx).

Submission of Applications

7.1. Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, through the Online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Tuesday, 16th May, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4. L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-28 ta' April, 2023

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Post ta' Għalliem fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

7.3. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

28th April, 2023

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Post of Teacher in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) invites applications for the post of Teacher within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

1.2. L-applikanti jistgħu japplikaw għall-post ta' Għalliem f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li jidhru hawn taħt:

1. Edukazzjoni Primarja (Ġenerali)/Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC);
2. Edukazzjoni Primarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti);
3. Edukazzjoni Sekondarja (Agribusiness);
4. Edukazzjoni Sekondarja (Computing);
5. Edukazzjoni Sekondarja (Computing u/jew Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni – ICT)
6. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Inġinerija);
7. Edukazzjoni Sekondarja (Etika);
8. Edukazzjoni Sekondarja (Hairdressing and Beauty);
9. Edukazzjoni Sekondarja (Saħħa u Kura Soċjali);
10. Edukazzjoni Sekondarja (Ospitalità);
11. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni – ICT);
12. Edukazzjoni Sekondarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti);
13. Edukazzjoni Sekondarja (Media Literacy);
14. Edukazzjoni Sekondarja (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera – PSCD);
15. Edukazzjoni Sekondarja (Retail);
16. Edukazzjoni Sekondarja (Xjenza);
17. Edukazzjoni Sekondarja (Moda u Tessuti);
18. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Informazzjoni Vokazzjonali u/jew Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni – ICT);
19. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Accounting);
20. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Għarbi);
21. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Arti);
22. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Bijoloġija);
23. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Studji tan-Negozju);
24. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Kimika);
25. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ċiniż);
26. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Żfin);
27. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Reċtar/Theatre and Performance);
28. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Disinn u Teknoloġija);
29. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ingliż);
30. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Studji Ewropej);
31. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Franċiż);
32. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ġografija);
33. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ġermaniż);
34. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Komunikazzjoni Grafika);
35. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Storja);
36. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ekonomija għad-Dar (HE));
37. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Taljan);
38. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Malti);

1.2. Applicants may wish to apply for the post of Teacher in one or more of the following:

1. Primary Education (General)/Early Childhood Education and Care (ECEC);
2. Primary Education (Migrant Induction Programme);
3. Secondary Education (Agribusiness);
4. Secondary Education (Computing);
5. Secondary Education (Computing and/or Information and Communication Technology - ICT);
6. Secondary Education (Engineering Technology);
7. Secondary Education (Ethics);
8. Secondary Education (Hairdressing and Beauty);
9. Secondary Education (Health and Social Care);
10. Secondary Education (Hospitality);
11. Secondary Education (Information and Communication Technology – ICT);
12. Secondary Education (Migrant Induction Programme);
13. Secondary Education (Media Literacy);
14. Secondary Education (Personal, Social and Career Development – PSCD);
15. Secondary Education (Retail);
16. Secondary Education (Science);
17. Secondary Education (Fashion and Textiles);
18. Secondary Education (Vocational Information Technology (VIT) and/or Information and Communication Technology – ICT);
19. Secondary/Postsecondary Education (Accounting);
20. Secondary/Postsecondary Education (Arabic);
21. Secondary/Postsecondary Education (Art);
22. Secondary/Postsecondary Education (Biology);
23. Secondary/Postsecondary Education (Business Studies);
24. Secondary/Postsecondary Education (Chemistry);
25. Secondary/Postsecondary Education (Chinese);
26. Secondary/Postsecondary Education (Dance);
27. Secondary/Postsecondary Education (Drama/Theatre and Performance);
28. Secondary/Postsecondary Education (Design and Technology);
29. Secondary/Postsecondary Education (English);
30. Secondary/Postsecondary Education (European Studies);
31. Secondary/Postsecondary Education (French);
32. Secondary/Postsecondary Education (Geography);
33. Secondary/Postsecondary Education (German);
34. Secondary/Postsecondary Education (Graphical Communication);
35. Secondary/Postsecondary Education (History);
36. Secondary/Postsecondary Education (Home Economics);
37. Secondary/Postsecondary Education (Italian);
38. Secondary/Postsecondary Education (Maltese);

39. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Matematika);
40. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Mużika);
41. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Edukazzjoni Fiżika (PE));
42. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Fiżika);
43. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Reliġjon);
44. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Studji Soċjali);
45. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Spanjol);
46. Edukazzjoni Postsekondarja (Studji Klassiċi);
47. Edukazzjoni Postsekondarja (Computing u/jew Informazzjoni Teknoloġika – IT);
48. Edukazzjoni Postsekondarja (Ekonomija);
49. Edukazzjoni Postsekondarja (Engineering Drawing and Computer Aided Design);
50. Edukazzjoni Postsekondarja (Xjenza Ambjentali);
51. Edukazzjoni Postsekondarja (Marketing);
52. Edukazzjoni Postsekondarja (Filosofija);
53. Edukazzjoni Postsekondarja (Psikoloġija);
54. Edukazzjoni Postsekondarja (Soċjoloġija);
55. Edukazzjoni Postsekondarja (Systems of Knowledge);

1.2.1. Suġġett tal-Programm għal Tagħlim Alternattiv (ALP) għall-edukazzjoni mainstream jew skola/skejjel speċifiċi

56. Edukazzjoni Sekondarja (Arti u Disinn);
57. Edukazzjoni Sekondarja (Auto Mechanics);
58. Edukazzjoni Sekondarja (Automotive Repair – Body and Paint);
59. Edukazzjoni Sekondarja (Inġinerija Bażika);
60. Edukazzjoni Sekondarja (Servizzi tal-Bini);
61. Edukazzjoni Sekondarja (Care Work);
62. Edukazzjoni Sekondarja (Karpenterija);
63. Edukazzjoni Sekondarja (Customer Care u Bejgħ);
64. Edukazzjoni Sekondarja (Installazzjonijiet Elettriċi u Elettronika Bażika);
65. Edukazzjoni Sekondarja (Induratura taż-Żejt u l-Ilma);
66. Edukazzjoni Sekondarja (Multi-Media);
67. Edukazzjoni Sekondarja (Plumbing);
68. Edukazzjoni Sekondarja (Fuħħar u Ċeramika);
69. Edukazzjoni Sekondarja (Sheet Metal/Blacksmith);
70. Edukazzjoni Sekondarja (Welding and Fabrication);

1.2.2. Suġġett tal-Edukazzjoni Speċjali fiċ-Ċentri tar-Riżorsi/Klassijiet tar-Riżorsi

71. Edukazzjoni Speċjali (Disinn u Teknoloġija);
72. Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali);
73. Edukazzjoni Speċjali (Ekonomija għad-Dar (HE));
74. Edukazzjoni Speċjali (Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni ICT);
75. Edukazzjoni Speċjali (Xjenza);
76. Edukazzjoni Speċjali (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera (PSCD));
77. Edukazzjoni Speċjali (Edukazzjoni Fiżika (PE));

39. Secondary/Postsecondary Education (Mathematics);
40. Secondary/Postsecondary Education (Music);
41. Secondary/Postsecondary Education (Physical Education);
42. Secondary/Postsecondary Education (Physics);
43. Secondary/Postsecondary Education (Religion);
44. Secondary/Postsecondary Education (Social Studies);
45. Secondary/Postsecondary Education (Spanish);
46. Postsecondary Education (Classical Studies);
47. Postsecondary Education (Computing and/or Information Technology – IT);
48. Postsecondary Education (Economics);
49. Postsecondary Education (Engineering Drawing and Computer Aided Design);
50. Postsecondary Education (Environmental Science);
51. Postsecondary Education (Marketing);
52. Postsecondary Education (Philosophy);
53. Postsecondary Education (Psychology);
54. Postsecondary Education (Sociology);
55. Postsecondary Education (Systems of Knowledge);

1.2.1. Alternative Learning Programme (ALP) Subjects for mainstream education or specific school/s

56. Secondary Education (Art and Design);
57. Secondary Education (Auto Mechanics);
58. Secondary Education (Automotive Repair – Body and Paint);
59. Secondary Education (Basic Engineering);
60. Secondary Education (Building Services);
61. Secondary Education (Care Work);
62. Secondary Education (Carpentry);
63. Secondary Education (Customer Care and Sales);
64. Secondary Education (Electrical Installations and Basic Electronics);
65. Secondary Education (Oil and Water Gilding);
66. Secondary Education (Multi-Media);
67. Secondary Education (Plumbing);
68. Secondary Education (Pottery and Ceramics);
69. Secondary Education (Sheet Metal/Blacksmith);
70. Secondary Education (Welding and Fabrication);

1.2.2. Special Education as provided in Resource Centres/ Resource Classes

71. Special Education (Design and Technology);
72. Special Education (General);
73. Special Education (Home Economics);
74. Special Education (Information Communication Technology - ICT);
75. Special Education (Science);
76. Special Education (Personal, Social and Career Development);
77. Special Education (Physical Education);

1.2.3. Skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hu:

fl-Accounting jew fl-Ekonomija tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Studji tan-Negozju u/jew Retail; l-Edukazzjoni/Studji tan-Negozju tista' wkoll tkun meħtieġa biex tgħallem ir-Retail, l-Accounting u l-Ekonomija; fil-Bijoloġija, Kimika jew Fiżika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Xjenza; id-Disinn u Teknoloġija tista' wkoll tkun meħtieġa biex tgħallem il-Komunikazzjoni Grafika; fl-Engineering Drawing u Computer Aided Design (CAD) tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Komunikazzjoni Grafika; Computing u Teknoloġija tal-Informatika Vokazzjonali (VIT) tista' tkun mitluba tgħallem ukoll l-ICT; il-Komunikazzjoni Grafika tista' tkun mitluba tgħallem id-Disinn u Teknoloġija; Moda u Tessuti bi kretti ECTS/ECVET rilevanti għall-Ekonomija għad-Dar (HE) tista' tintalab tgħallem ukoll l-Ekonomija għad-Dar (HE); fix-Xjenza bi kretti ECTS/ECVET rilevanti għall-Kimika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Kimika; fix-Xjenza bi kretti ECTS/ECVET rilevanti għall-Bijoloġija tista' tintalab tgħallem ukoll il-Bijoloġija; fix-Xjenza bi kretti ECTS/ECVET rilevanti għall-Fiżika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Fiżika; fil-Malti tista' tkun mitluba tgħallem ukoll il-Malti bħala Lsien Barrani fiċ-Ċiklu tal-Primarja/Sekondarja.

1.3. Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizazzjoni tagħha hija l-Arti, Etika, Xjenza, Mużika, PE, PSCD jew Reċtar (Sekondarja/Postsekondarja) tista' tintalab tgħallem ukoll is-suġġett rispettiv fiċ-Ċiklu tal-Primarja u Kindergarten.

1.4. Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizazzjoni tagħha huwa kwalunkwe suġġett mgħallem fil-Livell sekondarju u/jew postsekondarju fi klawsola 1.2 hawn fuq tista' tintalab tgħallem ukoll is-suġġett rispettiv fiċ-Ċentri tas-Sapport ta' Tagħlim u/jew skejjel li joffru Programmi għal Tagħlim Alternattiv.

1.5. Persuna magħżula biex tgħallem il-Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti tista' tkun meħtieġa li tgħallem aktar minn suġġett wieħed fi ħdan dan il-programm.

1.6. Jekk suġġett li bħalissa huwa mgħallem f'ċiklu partikulari u jibda jiġi mgħallem f'ċiklu differenti, il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skont il-ħtieġa.

1.7. Persuna magħżula tista' tintalab tagħmel kull taħriġ speċjali skont il-bżonn.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1. Il-ħatra, li hija suġġetta għal perijodu ta' prova ta' (1) sena, hija fuq bażi indefinita full-time u suġġetta għar-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta inġenerali u l-MEYR b'mod

1.2.3. According to the exigencies of the Malta Public Service, a selected candidate whose main area of specialisation is:

Accounting or Economics may also be required to teach Business Studies and/or Retail; Business Education/Studies may also be required to teach Retail, Accounting and Economics; Biology, Chemistry or Physics may also be required to teach Science; Design and Technology may also be required to teach Graphical Communication; Engineering Drawing and Computer Aided Design (CAD) may also be required to teach Graphical Communication; Computing and Vocational Information Technology may also be required to teach ICT; Graphical Communication may also be required to teach Design and Technology; Fashion and Textiles with ECTS/ECVET credits related to Home Economics may also be required to teach Home Economics; Science with ECTS/ECVET credits relevant to Chemistry may also be required to teach Chemistry; Science with ECTS/ECVET credits relevant to Biology may also be required to teach Biology; Science with ECTS/ECVET credits relevant to Physics may also be required to teach Physics; Maltese may also be required to teach Maltese as a Foreign Language (MFL) in the Primary/Secondary Cycle.

1.3. A selected candidate whose main area of specialisation is Art, Ethics, Science, Music, PE, PSCD or Drama (Secondary/Postsecondary) may also be required to teach the respective subject in the Primary Cycle and Kindergarten.

1.4. A selected candidate whose main area of specialisation is any of the subjects taught at Secondary and/or Postsecondary level in clause 1.2 above may also be required to teach the respective subject in Learning Support Centres and/or schools offering Alternative Learning Programmes.

1.5. A selected candidate who is engaged to teach the Migrant Induction Programme may be required to teach more than one subject within the programme.

1.6. If a subject which is currently taught at a particular cycle and starts being taught at a different cycle, a selected candidate may be deployed accordingly.

1.7. A selected candidate may be required to undergo any special training as deemed necessary.

Terms and Conditions

2.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one (1) year, is on a full-time indefinite basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and MEYR

partikolari, inkluż ċaqliq skont l-esiġenzi tas-Servizz. L-applikanti magħżula, ingaġġati mill-1 ta' Settembru, 2023, u li ma temmewx b'suċċess il-kors għal kwalifika tat-tagħlim imsemmi f'Appendiċi A u sezzjoni 4.2, sad-29 ta' Settembru, 2023, ikollhom il-perjodu ta' prova estiż kif meħtieġ.

Madanakollu, meta u jekk ikun hemm vakanza temporanja, l-MEYR jista' jingaġġa għalliem fuq bażi definita, sal-aħħar tas-sena skolastika 2023/2024, u minn dakinhar li l-persuna taċċetta tibda tissejjaħ Għalliem Temporanju. F'dawn il-każijiet, dan l-ingaġġ jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont il-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss, peress li dan huwa ingaġġ ta' natura temporanja. Il-perijodu ta' prova jkun għal sena (1) u jaqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fil-MEYR u jinvolvi li persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz.

2.2. Għalliem Temporanju jitpoġġa fuq il-minimu ta' Skala ta' Salarju 9 li fl-2023 huwa €24,494.79 fis-sena, u jkun intitolat għall-allowances ta' Għalliem u/jew Works Resources kif applikabbli u stabbilit mis-sezzjoni intitolata Allowances fi ħdan il-Ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fil-21 ta' Diċembru, 2017. Dawn l-impjegati jibbenefikaw minn żidied inkrimentali. Dment li l-għalliema temporanji jistgħu jintalbu jaqdu dmirijiet ta' Form Teacher u/jew dmirijiet oħra kif definit fis-sezzjoni fuq Pastoral Care għall-Istudenti. Dment ukoll li jkun hemm vakanza permanenti, Għalliema Temporanji jistgħu jingħataw iċ-ċans li jipprogressaw għal grad ta' Għalliem fuq bażi indefinita skont ir-regoli tas-Servizz Pubbliku.

2.3. Is-salarju marbut mal-post ta' Għalliem huwa marbut ma' skala tas-salarju 9, li fl-2023 hu ta' €24,494.79 fis-sena, u jitla' b'żieda annwali ta' €447.33 sa massimu ta' €27,178.77. Dan is-salarju huwa supplementat bi Class Allowance ta' €2,350 fis-sena flimkien ma' Work Resources Fund ta' €650 fis-sena kif stipulat fil-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fil-21 ta' Diċembru, 2017.

2.4. Persuna fil-grad ta' Għalliem titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€26,048.25 x €486.83 - €28,969.23 fis-sena 2023) wara tmien (8) snin servizz sodisfaċenti fil-grad, u titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55 fis-sena 2023) wara tmien (8) snin oħra servizz sodisfaċenti fil-grad, ta' Skala ta' Salarju 8.

2.5. Tista' titħaffef il-progressjoni ta' Għalliem għal Skala ta' Salarju li jmiss, minn tmien (8) snin għal sitt (6) snin, jekk għalliem jiġbor f'daqqa 360 siegħa ta' taħriġ rikonoxxut ta' Żvilupp Kontinwu Professjonali (CPD), li jkun imfittex minnu, fuq medda ta' sitt snin (minn skema

in particular, including deployment according to the exigencies of the service. Chosen applicants, engaged by 1st September, 2023, and who have not successfully completed their teaching qualification course mentioned in Appendix A and section 4.2 by 29th September, 2023, will have their probation extended accordingly.

However, if and when a vacancy of a temporary nature arises, MEYR may appoint a teacher on a definite basis, until the end of the scholastic year 2023/2024, and shall henceforth be named Temporary Teachers on acceptance. In such cases, this engagement constitutes an objective reason in terms of S.L. 452.81 regarding fixed term contracts, since this recruitment is of a temporary nature. The probationary period shall be for one (1) year and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and MEYR in particular, including deployment according to the exigencies of the service.

2.2. A Temporary Teacher will be placed on the minimum of Salary Scale 9 which in 2023, is €24,494.79 per annum and will be entitled for the Teachers' Allowance and/or Works Resources as applicable and established in the section within the Agreement between the Government and the Malta Union of Teachers dated 21st December, 2017, entitled Allowances. Such employee shall benefit from incremental increases. Provided that temporary teachers may be asked to perform Form Teacher duties and/or other duties as defined in the section on Student Pastoral Care. Provided further that if a permanent vacancy arises, Temporary Teachers may be offered the possibility to progress to the grade of teacher on an indefinite contract in accordance with Public Service regulations.

2.3. The salary for the post of Teacher is pegged to salary scale 9, which in 2023, is €24,494.79 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €27,178.77. This salary is supplemented by a Class Allowance of €2,350 per annum together with a Works Resources Fund of €650 per annum as stipulated in the agreement between the Government and the Malta Union of Teachers dated 21st December, 2017.

2.4. A Teacher will progress to Salary Scale 8 (€26,048.25 x €486.83 - €28,969.23 in 2023) on completion of eight (8) years satisfactory service in the grade and to Salary Scale 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55 in 2023) on completion of a further eight (8) years satisfactory service in Salary Scale 8.

2.5. Progression of a Teacher to the next salary scale may be accelerated from eight (8) years to (6) six years, if a teacher cumulates an aggregate of 360 hours of recognised self-sought Continuous Professional Development (CPD) time over six (6) years (through the applicable scheme

applikabbli maħruġa mill-maniġment). Jekk dan it-taħriġ ta' CPD imfittex minnu jkun ikkumpensat minn progressjoni mgħaġġla, kwalunkwe kwalifika li tinkiseb minn dawn is-sigħat ma terġax tiġi kkumpensata minn xi forma ta' qualification allowance.

2.6. Persuna magħżula li tipprovdi esperjenza ta' tagħlim skont:

L-Addendum tal-Moviment Ħieles tal-ħaddiema fi ħdan l-Istati Membri tal-UE (26 ta' Settembru 2013) u/jew

Il-Ftehim biex Tiffaċilita l-Moviment għall-Edukaturi bejn Skejjel Liċenzjati (29 ta' Lulju 2015) tkun eliġibbli għall-aġġustament ta' salarju skont l-entitlement.

2.7. Il-ħatra tal-persuna magħżula li taċċetta li tiġi ingaġġata mill-1 ta' Settembru, 2023, tkun mistennija tattendi 'pre-service college based induction session' mal-Kap tan-Network tal-Kulleġġ kif ikkomunikat mill-uffiċċju tal-Kap tan-Network tal-Kulleġġ rispettiv, matul ix-xahar ta' Settembru 2023. Wara, il-persuna magħżula tkun mistennija tattendi l-Pre-service National Induction Sessions fid-19, fl-20 u fit-22 ta' Settembru, 2023. Dawn is-sezzjonijiet mandatorji huma parti mill-programm ta' induzzjoni għall-għalliema li qed jiggradwaw u għall-għalliema ingaġġati ġodda.

2.8. Il-ħatra ta' Għalliem hija suġġett li jintemm b'suċċess il-kors rilevanti msemmi f'paragrafi 4.2 (iv) u (v) sad-29 ta' Diċembru, 2023. Min ma jipprovdix din l-evidenza, jitneħħa mill-ordni tal-mertu tar-riżultat u jkun mitmum l-impjieg bħala għalliem.

Madanakollu, jekk l-applikant ingaġġat ma jkunx temm b'suċċess il-kors rilevanti msemmi f'paragrafi 4.2 (iv) u (v) sad-29 ta' Diċembru, 2023, dan jinħatar bħala Għalliem Supplimentari skont it-termini tas-sejħa ta' Għalliem Supplimentari ppubblikata fl-2023. F'dan il-każ l-impjieg ikun fuq bażi definita, sal-aħħar tas-sena skolastika 2023/2024.

2.9. Jekk il-kandidat magħżul ma jkollux Warrant ta' Għalliem (Permanenti), dan ikun eliġibbli li jikseb Warrant ta' Għalliem (Permanenti), skont it-termini tal-artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, u impjieg 'l hinn minn dan il-perijodu jkun suġġett għall-kisba ta' dan il-Warrant skont l-artiklu 24 (1) tal-istess Att.

2.10. Il-ħatra tal-persuna magħżula hija suġġetta għall-kisba ta' Warrant ta' Għalliem (Permanenti). Jekk dan ma jinkisibx ifisser ipso facto revokazzjoni tal-ħatra skont ir-Regolament Nru. 23 tar-Regoli tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (S.L. Const. 01).

issued by the management). Provided that such self-sought CPD is compensated through accelerated progression, any qualification arising from such hours may not be further compensated through any other form of qualification allowance.

2.6. A Selected candidate who proves any teaching experience in accordance with:

The Addendum Freedom of Movement of workers within member states of the EU (26th September 2013) and/or

The Agreement to Facilitate Mobility for Educators between Licensed Schools (29th July 2015) shall qualify for an adjustment in salary subject to entitlement.

2.7. The appointment of a selected candidate who accepts to start employment on the 1st September, 2023, shall be required to attend a pre-service college-based induction session with the Head of College Network, as communicated by the office of the respective Head of College Network during the month of September 2023. Thereafter, a selected candidate shall be required to attend the pre-service National Induction Sessions on 19th, 20th and 22nd of September, 2023. These mandatory sessions are part of the induction programme for newly qualified and newly recruited teachers.

2.8. The appointment as Teacher will be subject to the successful completion of the relevant course mentioned in paragraphs 4.2 (iv) and (v) by 29th December, 2023. Failure to provide such evidence will lead to the removal from the result merit list and termination of employment as teacher.

However, if an applicant engaged has not successfully completed the course mentioned in paragraphs 4.2 (iv) and (v) by 29th December, 2023, s/he will be appointed as Supply Teacher in terms of the call of Supply Teacher published in 2023. In such instances, the engagement will be on a definite basis, until the end of the scholastic year 2023/2024.

2.9. A selected candidate who is not in possession of a Teacher's Warrant (Permanent), shall be eligible to obtain a Teacher's Warrant (Permanent), in terms of article 24 (2) of the Education Act. Employment beyond this period shall be subject to a possession of such a warrant in accordance with article 24 (1) of the same Act.

2.10. The appointment of a selected candidate is subject to the employee being awarded a Teacher's Warrant (Permanent). Failure to obtain the Teacher's Warrant (Permanent) will ipso facto mean revocation of appointment as per Regulation No. 23 of the Public Service Commission Regulations (S.L. Const. 01).

2.11. Il-persuna magħżula tkun mistennija twettaq b'suċċess proċess ta' induzzjoni, kif stipulat mid-Direttorat tar-Riżorsi Edukattivi (ER). L-għoti tal-konferma tal-ħatra, is-soltu wara sena, u/jew il-kisba ta' Warrant ta' Għalliem (Permanenti) skont artiklu 24 jew 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, ma jeżentawx lill-persuna magħżula milli twettaq b'suċċess il-proċess ta' taħriġ ta' induzzjoni.

2.12. Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri rigward il-post ta' Għalliem, li wieħed jista' jaċċessa minn (http://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Acceptance_procedure_for_new_teachers.pdf) japplikaw, jekk u meta l-persuna magħżula tiġi kkuntattjata mill-MEYR.

2.13. Fil-każ tal-applikanti magħżula f'din is-sejħa għall-applikazzjonijiet f'aktar minn suġġett/qasam/ċiklu wieħed (1), il-persuna magħżula tiġi impjegata fis-suġġett/qasam/ċiklu skont id-diskrezzjoni tal-MEYR.

2.14. L-MEYR għandu d-dritt li jassenja u/jew jibgħat il-persuna magħżula biex s f'kull kulleġġ, skola, u istituzzjoni edukattiva, inkluż ukoll fuq bażi ta' sharing fi skejjel f'Malta u f'Għawdex, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.15. Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qed tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

2.16. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal persuna fil-post ta' Għalliem jinkludu:

Hija r-responsabbiltà tal-Għalliem li jieħu ħsieb li jipprovdi esperjenzi xierqa ta' tagħlim rilevanti, stimulanti, u li jinvolvi l-istudent, għall-istudenti kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, billi jrawwem b'mod sostenibbli fl-individwu kif ukoll fil-kollettiv, il-benessere fit-tkabbir spiritwali, f'dak emozzjonali, fil-fehim u fl-iżvilupp fiżiku. Il-persuna maħtura bħala għalliem hija mistennija li tikkollabora ma' edukaturi li jkunu qed jappoġġaw dan l-isforz fil-klassi jew barra mill-klassi, taħt it-tmexxija tas-Senior Management Team tal-iskola, anke billi tinvolvi ruħha fl-iżvilupp tal-Komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż fi ħdan l-iSchool Development Plan. Biex dan iseħħ, il-persuna magħżula bħala għalliem għandha:

2.11. A selected candidate will be required to complete an induction process successfully, as stipulated by the Directorate for Education Resources (ER). The granting of the confirmation of appointment, usually after one year, and/or the awarding of a Teacher's Warrant (Permanent) in accordance with article 24 or 41 of the Education Act, do not exempt a selected candidate from completing successfully the induction training.

2.12. Conditions and procedures regarding the acceptance for the post of Teacher, which can be accessed from (http://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Acceptance_procedure_for_new_teachers.pdf) will apply, if and when a successful candidate is contacted by MEYR.

2.13. In the case of applicants who are successful in this call for applications in more than one (1) subject/area/cycle, s/he shall be employed in the required subject/area/cycle at the discretion of MEYR.

2.14. MEYR has the right to assign and/or deploy a successful applicant to serve in any college, school, and educational institution including on a shared basis in Malta or Gozo, according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.15. Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

2.16. Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

Duties

3. The job duties for the post of Teacher include:

It is the responsibility of a teacher to take charge of providing appropriate relevant, stimulating and engaging learning experiences for all students under his/her responsibility, nurturing wellbeing through sustainable individual as well as collective spiritual, emotional, cognitive and physical growth. The teacher is expected to collaborate with other educators, who may be supporting this endeavour within or beyond the classroom, under the leadership of the school's Senior Management Team, also by engaging in the development of a Community of Professional Educators, including through School Development Planning. In pursuing this, the Teacher is to:

i. Iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi fl-edukazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward taċ-ċiklu u/jew qasam rispettiv, inkluż iżda mhux limitat għall-kurrikulu, il-pedagoġija, l-assessjar, ir-recording, u r-rappurtar ta' tagħlim, il-kontenut u l-iżvilupp differenti ta' min jitgħallem;

ii. Toħloq kundizzjonijjiet tajbin biex tiffaċilita l-iżvilupp olistiku ta' min qed jitgħallem skont il-linji gwida pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali nominati;

iii. Tippjana, toħloq u tevalwa esperjenzi ta' tagħlim stimulanti, pjaċevoli u pożittivi, inkluż fil-preparazzjoni ta' lezzjonijiet u kif tagħti l-lezzjonijiet, fl-iżvilupp u amministrazzjoni ta' modalitajiet varji ta' assessjar għal u ta' tagħlim, kif ukoll tagħti feedback ukoll permezz ta' recording u rappurtar tat-tagħlim;

iv. Tindirizza d-diversità billi toħloq opportunitajiet għall-istudenti kollha biex jilħqu l-potenzjal tagħhom mingħajr ma formalment jew informalment joħolqu ostakli jew inaqqsu l-aspettattivi;

v. Tikkontribwixxi għall-kisba inkrimentali tar-riżultati mistennija fis-suġġett, qasam ta' tagħlim u l-livell ta' temi transkurrikulari tal-istudenti kollha fdati taħt il-kura tiegħu/tagħha, billi tgħolli l-limitu tal-kisba għal kull individwu u tnaqqas il-lakuni fil-kisba li jistgħu jeżistu fil-proċess billi tiffaċilita t-twettiq tal-potenzjal ta' kull student;

vi. It-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-linji gwida pprovduti mill-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida totali tal-awtorità kompetenti tal-edukazzjoni;

vii. It-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-ħtiġiet, il-ħiliet u l-potenzjal edukattiv ta' studenti individwali fdati fil-kura tiegħu/tagħha mill-Kap tal-Iskola jew Kap tas-Sezzjoni;

viii. Iġġib ruħha u tgħallem u teduka lill-istudenti skont il-principji stabbiliti fil-Kodiċi tal-Etika u l-Prattika tal-Għalliema;

ix. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

x. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol ta' dan il-post tista' tinkiseb minn (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

Il-persuna magħżula hija mistennija li twettaq dmirijiet b'lealtà, b'diliġenza xierqa u bl-akbar ħila, u taġixxi f'kull rispett skont l-istruzzjonijiet u/jew direttivi mogħtija lilha

i. Keep abreast of developments in education, particularly in relation to the respective Cycle and/or area, including but not limited to curriculum, pedagogy, assessment, recording and reporting of learning, content and diverse learner development;

ii. Create optimal conditions which facilitate a learner's holistic development according to guidelines provided by the national and local designated authorities;

iii. Plan, create, and evaluate stimulating, enjoyable and positive learning experiences, including through lesson preparation and delivery, development and administration of varied modalities of assessment for and of learning, as well as give feedback also through recording and reporting of learning;

iv. Address diversity by creating opportunities for all learners to reach their potential without either formally or informally erecting barriers or lowering expectations;

v. Contribute towards the incremental attainment of the expected outcomes at subject, learning area, and cross-curricular theme level by all students entrusted under his/her care raising the bar of achievement for every individual and narrowing the attainment gaps that may exist in the process facilitating the fulfilment of each learner's potential

vi. Teach and educate students according to guidelines provided by the National Curriculum Framework under the overall guidance of the competent education authority;

vii. Teach and educate students according to the educational needs, abilities and attainment potential of individual students entrusted to his/her care by the Head of School or Head of Section;

viii. Conduct themselves and teach and educate students in accordance with principles set out in the Teachers' Code of Ethics and Practice;

ix. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

x. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

A detailed job description of the post can be obtained from (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

The selected candidate is expected to carry out his/her duties in utmost good faith, with due diligence and to the best of his/her abilities and s/he shall act in all respects

mid-direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-Network tal-Kulleġġ u/jew il-Kap tal-Iskola.

Il-persuna magħżula tkun mistennija li tipparteċipa f'korsijiet ta' żvilupp professjonali fosthom kors ta' induzzjoni kif jixraq ir-rwol u l-funzjonijiet tiegħu, u 'management driven training programme', kif mitlub mid-direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-Network tal-Kulleġġ u/jew Kap tal-Iskola. Dan il-'management driven training programme' (jew kors ta' induzzjoni) mhux ikkunsidrat parti mis-self-sought Community of Professional Educators (CoPE) imsemmi f'paragrafu 2.5 hawn fuq.

Il-persuna magħżula għandha tadotta u taħdem għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp skolastiku ta' skola jew skejjel partikolari li tkun qed isservi fiha/fihom.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit

according to the instructions and/or directives given to him/her by the Education directorates, Head of College Network and/or Head of School.

The selected candidate is required to follow professional development courses including an induction course as appropriate to his/her role and functions, and Management driven training programmes, as directed by the Education Directorates, Head of College Network and/or Head of School. This Management driven training programme (or in-service induction) will not be considered as part of the self-sought Community of Professional Educators (CoPE) mentioned in paragraph 2.5 above.

The selected candidate shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school or schools s/he is giving service in.

Eligibility Requirements

4.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and

u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża; U

(iii) ikollhom Warrant ta' Għalliem (Permanenti) maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni ta' Għalliema (CTP) taħt l-artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

Madankollu, kandidati li ma jkollhomx Warrant ta' Għalliem maħruġ mis-CTP (Warrant Permanenti) imma li eventwalment jikkwalifikaw għal wieħed skont l-Artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni jistgħu wkoll japplikaw. Il-ħatra tagħhom bħala Għalliema tingħata bil-kundizzjoni li jakkwistaw Warrant ta' Għalliem (Permanenti/Temporanju) bi qbil mal-artikli rilevanti tal-istess Att. L-applikanti li jiġu offruti impjieg mal-MEYR għandhom japplikaw għall-warrant temporanju online jew iġeddu l-warrant temporanju tagħhom minn (https://education.gov.mt/en/teachingprofession/Pages/CTP.aspx).

Il-warrant temporanju dejjem jiskadi fil-31 ta' Awwissu u għandu jiġġedded kull sena skolastika; U

(iv) ikollhom Warrant ta' Għalliem (Permanenti) flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta fit-tagħlim/kors fil-pedagoġija rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha u għandhom mhux anqas minn ħmistax-il (15) sena esperjenza fit-tagħlim, jgħallmu s-suġġett/qasam/ċiklu li qed japplikaw għalih fi skola liċenzjata; JEW

(v) għandhom Ċertifikat ta' Għalliem jew temmew b'suċċess il-Kors ta' Għalliem Gradwat, it-tnejn f'Livell 6 tal-MQF organizzati mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, bis-suġġett li applikaw għalih meħud bħala s-suġġett ewlieni fil-Kors ta' Taħriġ għal Għalliema; JEW

(vi) ikollhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi A, li jinkludi s-suġġett/qasam li għalih saret applikazzjoni bħala qasam ewlieni ta' studju u li jissodisfa aktar eliġibbiltà kif definit fl-Appendiċi B jekk applikabbli, għas-suġġett/qasam/ċiklu applikat għalih; JEW

their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages; AND

(iii) in possession of a Teacher's Warrant (Permanent) issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24 (2) of the Education Act;

However, candidates not in possession of a Teacher's Warrant issued by the CTP (Permanent Warrant) but who will eventually qualify for one in accordance with article 24 (2) of the Education Act may also apply. Their appointment as Teacher is conditioned to their being awarded a Teacher's Warrant (Permanent/Temporary) in accordance with the relevant articles of the same Act. Applicants who are offered employment with MEYR must submit an online application for new/renewal of temporary warrant through the following link: (https://education.gov.mt/en/teachingprofession/Pages/CTP.aspx).

The temporary warrant always expires on 31st August and must be renewed every school year; AND

(iv) be in possession of a Teacher's Warrant (Permanent) plus a recognised teaching qualification/pedagogical course at MQF Level 6, as defined in this call and its appendices and have accrued not less than fifteen (15) years teaching experience, teaching the subject/area/cycle applied for in a licensed school; OR

(v) have a Teacher's Certificate or have successfully completed the Graduate Teacher's Course, both at MQF Level 6 organised by the Education Division with the subject applied for taken as the main subject in the Teacher's Training Course; OR

(vi) have a recognised teaching qualification at MQF Level 6/7, as defined in this call and Appendix A, which includes the subject/area applied for as a main area of study and satisfying further eligibility as defined in Appendix B if applicable, for the subject/area/cycle applied for; OR

(vii) ikollhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha, f'suġġett/i fiċ-ċiklu tas-sekondarja, kif ukoll kors ta' adattament rikonoxxut mill-Awtoritajiet Edukattivi; JEW

(vii) have a recognised teaching qualification at MQF Level 6 as defined in this call and its appendices, in the subject/s taught at the secondary cycle, plus an adaptation course recognised by the Education Authorities; OR

(viii) għandhom kwalifika ta' tagħlim/kors fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha u li għandhom mhux anqas minn 60 krettu ECTS/ECVET fil-Livell 6 tal-MQF fil-qasam/suġġett li applikaw għalih, anke jekk il-kwalifika/kors ta' tagħlim/pedagoġija li għandhom, kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha, mhuwiex fis-suġġett/qasam/ċiklu li applikaw għalih; JEW

(viii) have a recognised teaching qualification/ pedagogical course at MQF Level 6, as defined in this call and its appendices, and has a minimum of 60 ECTS/ECVET credits at MQF Level 6 in the subject/area applied for even if their teaching/pedagogical qualification/course, as defined in this call and its appendices, is not in the subject/area applied for; OR

(ix) l-applikanti li rreġistraw għal u wara kkwalifikaw għal kwalifika (Masters) rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF b'mhux anqas minn 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti* fis-suġġett li qed japplikaw għalih, qabel id-29 ta' Lulju, 2008, u li ġew mogħtija Warrant ta' Għalliem (Permanenti) skont artiklu 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, għandu jkollhom ukoll kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi A, fis-suġġett/qasam/ċiklu li applikaw għalih.

(ix) Applicants who have registered for, and subsequently awarded, a recognised (Masters) qualification at MQF Level 7 with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent*in the subject applied for, before 29th July, 2008, and have been awarded a Teacher's Warrant (Permanent) in accordance with article 41 of the Education Act, must also have a recognised teaching qualification at MQF level 6/7, as defined in this call and Appendix A, in the subject/area/ cycle applied for.

Madankollu, jekk applikant għandu fil-pussess tiegħu Warrant ta' Għalliem (Permanenti), iżda m'għandux kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u l-appendiċi tagħha, huwa xorta waħda eliġibbli biex japplika bil-kundizzjoni li l-applikant jipprovdi evidenza dokumentata li hu/hi ġie kkonfermat, (jiġifieri m'għadux taħt probation u ħadem għal sena skolastika sħiħa) fil-grad ta' Għalliem, u għallem is-suġġett/ qasam/ċiklu li għalih saret applikazzjoni, fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja.

However, if an applicant is in possession of a Teacher's Warrant (Permanent), but is not in possession of a recognised teaching qualification at MQF Level 6/7, as defined in this call and its appendices, s/he is still eligible to apply on condition that the applicant provides documented evidence that s/he has been confirmed, (i.e. no longer under probation and worked for a full scholastic year) in the grade of Teacher, and has taught the subject/area/cycle applied for, in a licensed school offering compulsory education.

(x) Uffiċjali pubbliċi fi grad ta' għalliem, li huma kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom, u li jixtiequ li jkunu kkunsidrati għal tagħlim f'ċiklu ieħor u/jew jgħallmu suġġett differenti, jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li minbarra li jkunu fil-pussess ta' kwalifika ta' tagħlim/pedagoġija skont l-Appendiċi A, għandhom mhux anqas minn 60 krettu ECTS/ ECVET fil-Livell 6 tal-MQF fil-qasam/suġġett li applikaw għalih, anke jekk il-kwalifika/kors ta' tagħlim/pedagoġija li għandhom mhuwiex fis-suġġett/qasam li applikaw għalih, l-MEYR għandha tibgħat għalliema li juru suċċess f'tali każijiet skont l-esiġenzi tas-servizz.

(x) Public officers in the grade of Teacher, whose appointment in such grade has been confirmed, and who wish to be considered to teach at a different cycle and/or to teach a different subject, may apply on condition that besides being in possession of a teaching/pedagogical qualification as per Appendix A, have a minimum of 60 ECTS/ECVET credits at MQF Level 6 in the subject/area applied for, even if their teaching/pedagogical qualification/course is not in the subject/area applied for. MEYR shall deploy teachers who prove successful in such cases according to the exigencies of the service.

(xi) L-applikanti li għandhom fil-pussess kwalifika tat-tagħlim fl-Edukazzjoni ta' Ħarsien u s-Snin Bikrin jew fil-Primarja, kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha, irid ikollhom fil-pussess ukoll:

(xi) Applicants in possession of a teaching qualification in Early Childhood Education and Care or in the Primary, as defined in this call and its appendices, must also be in possession of:

(a) Tliet (3) eżamijiet tal-Livell Ordinarju fil-Livell 3 tal-MQF (minimu Ċ jew 5) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, fil-Lingwa Maltija, fil-Lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-Livell 4 tal-MQF (minimu Grad E), jew komparabbli. Dment

(a) Three (3) Ordinary Levels at MQF Level 3 (minimum Grade C or 5) or a recognised comparable qualification in Maltese Language, English Language and Mathematics. An Advanced Level at MQF Level 4 (minimum Grade E), or comparable. Provided that an applicant who does not satisfy

li applikant li ma jissodisfax dawn il-ħtiġiet (f'paragrafu xiv) jista' jkun eliġibbli biex japplika jekk ikollu Warrant ta' Għalliem Permanenti u kien jgħallem full-time fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obligatorja għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames (5) snin skolastiċi fl-aħħar għaxar (10) snin skolastiċi.

(b) Applikanti li daħlu għal wieħed mill-korsijiet stipulati f'paragrafu (xi) u Appendiċi A bħala studenti maturi u temmew b'suċċess il-kors huma eżenti mill-provvedimenti ta' paragrafu (xi) sakemm iġibu xhieda ta' dan mill-istituzzjoni rilevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

(xii) Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2. Kull referenza għal kwalifika rikonoxxuta ta' tagħlim jew kors ta' pedagoġiku (Appendiċi A) imsemmi hawn fuq jew f'Appendiċi B, tista' tiġi aċċessata minn (https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20A%20-%20Recognised%20Teaching%20qualifications%202023.pdf).

4.3. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq u fil-ħolqa ta' paragrafu 4.2 għal Appendiċi A u f'Appendiċi B, jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġett/qasam/ċiklu mitluba.

4.4. L-applikanti li jkunu fl-aħħar sena tal-kors li jwassal għall-għoti tal-kwalifika xierqa ta' tagħlim skont il-paragrafi f'sezzjoni 4.1 xorta jistgħu japplikaw. Tali applikanti jkunu meħtieġa li juru t-tlestija b'suċċess tal-kors rilevanti sad-29 ta' Diċembru, 2023. In-nuqqas li ta' din l-evidenza jwassal għat-tneħħija mil-lista ta' mertu ta' riżultat u, jekk tali applikant ikun ingaġġat, il-ħatra tiegħu/tagħha bħala Għalliem/a tiġi mibdula għal dik ta' Għalliem/a Supplimentari u l-ingaġġ ikun fuq bażi definita għas-sena skolastika 2023/2024, li tista' tiġi mġedda għal perjodi oħra.

4.5. L-applikanti huma meħtieġa wkoll jirreferu għal Appendiċi B, aċċessata minn (https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20B%20-%20Further%20eligibility%20criteria%20for%20Teacher%20call%202023.pdf), ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet li tindika aktar dettalji u rekwiżiti ta' eliġibbiltà fil-qasam tal-eliġibbiltà tas-suġġetti elenkati fil-paragrafu 1.2.

these requirements (paragraph xiv) would still be eligible to apply if s/he is in possession of a Permanent Teacher's Warrant and has been in a full-time teaching position in a licensed school for a period of not less than five (5) scholastic years in the last ten (10) scholastic years.

(b) Applicants who entered one of the courses stipulated in (xi) and Appendix A as mature students and successfully completed such courses, are exempt from the provisions of paragraph (xi) provided they produce a testimonial to this effect from the awarding institution.

*A recognised Qualification comparable to 60 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

(xii) Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2. A table of recognised teaching qualifications or pedagogical course (Appendix A) mentioned above or in Appendix B may be viewed from (https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20A%20-%20Recognised%20Teaching%20qualifications%202023.pdf).

4.3. Qualifications at a level higher than that specified above and in paragraph 4.2's link for Appendix A and in Appendix B, will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject/area/cycle requirements.

4.4. Applicants who are in the final year of the course leading to the award of their appropriate teaching qualification as per paragraphs under section 4.1 may still apply. Such applicants would need to prove the successful completion of the relevant course by 29th December, 2023. Failure to provide such evidence will lead to the removal from the result merit list and if such an applicant is engaged, his/her appointment as Teacher will be changed to that of a Supply Teacher and the engagement will be on a definite basis for scholastic year 2023/2024, which may be renewed for further periods.

4.5. Applicants are also required to refer to Appendix, accessed from (https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20B%20-%20Further%20eligibility%20criteria%20for%20Teacher%20call%202023.pdf), of this call for applications, which indicates further details and eligibility requirements within the area of eligibility of the listed subjects in paragraph 1.2. Applicants,

L-applikanti, li jixtiequ japplikaw għal suġġetti li mhumiex elenkati fl-Appendiċi B, għandhom jirreferu għal paragrafi fit-taqsima 4.1 u Appendiċi A għar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.

4.6. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.7. Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.8. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.9. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.8 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.10. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma

who wish to apply for subjects which are not listed in Appendix B, should refer to paragraphs in section 4.1 and Appendix A for the eligibility requirements.

4.6. Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.7. Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.8. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.9. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.8 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.10. Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which

ġiex ippubblikat, f›liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.11. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.12. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jippreżenta dikjarazzjoni ta' komparabbiltà maħruġa mis-CTP għal kwalifiki tat-tagħlim, li tikkonferma il-komparabbiltà tal-kwalifikazzjoni skont paragrafi 4.2 sa 4.5 u Appendiċi A. Dawk li għandhom kwalifika ta' tagħlim, kif imsemmija f'Appendiċi A, m'għandhomx għalfejn jippreżentaw dikjarazzjoni tal-komparabbiltà.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun uploaded mal-applikazzjoni fuq l-Edu recruitment portal: (https://edurecruitment.gov.mt). Applikanti li jixtiequ jipprovdu dokumentazzjoni 'l hinn minn dak rikjest mis-sejħa, inkluż rapporti tal-prattika ta' tagħlim, għandhom iġibuhom magħhom jekk u meta jissejħu għall-intervista. Ċertifikati tad-Diploma/Degree/Post-Graduate jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom traskritt bl-Ingliż (Diploma/Certificate supplement) li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista. L-applikanti jridu jipproduċu wkoll employment history aġġornata maħruġa mill-Jobsplus jew l-ekwivalenti, bħala prova ta' esperjenza ta' xogħol. Mingħajrha ma jingħatawx marki għall-esperjenza.

Proċeduri tal-Għażla

6.1. L-applkanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiddetermina kemm huma adattati għall-post. Il-marka massima għal dan il-process tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 400. Bħala parti mill-intervistà persuna eliġibbli hija mistennija li:

case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.11. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.12. It is the applicant's responsibility to present a comparability statement issued by the CTP for teaching qualifications confirming the comparability of the qualification in accordance with paragraphs 4.2 to 4.5 and Appendix A. Holders of a teaching qualification as listed in Appendix A, are exempted from presenting such a comparability statement.

Submission of Supporting Documents

5.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which should be uploaded on the Edu recruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt), when you apply. Applicants wishing to produce supporting documentation over and above that required by this call, including teaching practice reports, are to produce such documentation, if and when called for an interview. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript (Diploma/Certificate supplement) in English, showing the Degree obtained and the final classification.

5.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview. Applicants must also produce an updated Employment History issued by Jobsplus or its equivalent, as proof of work experience. Failure to produce this document means no marks will be given for experience.

Selection Procedures

6.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 800 and the pass mark is 400. As part of the interview eligible applicants are expected to:

a. tagħmel preżentazzjoni diġitali ta' 5 sa 7 minuti bl-Ingliż fejn turi l-abbiltà sħiħa fil-pedagoġija u fl-assessjar f'ambjent inklusiv fil-qasam/suġġett/ċiklu li applikat għalih;

b. turi għarfien professjonali, kompetenzi u attitudnijiet permezz ta' studju/i (każijiet) u numru ta' mistoqsijiet bil-Malti.

L-applikanti eliġibbli jridu jġibu magħhom laptop/tablet u jipprovdu verżjoni stampata tal-preżentazzjoni lill-bord tal-għażla. Fin-nuqqas ta' laptop/tablet, il-kandidati jrid ikollhom aċċess għall-preżentazzjoni minn fuq memory stick. Il-kriterji tal-assessjar jistgħu jinkisbu minn (http://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx).

6.2. Persuna magħżula taħt paragrafu 4.4 titqiegħed f'lista ta' ordni ta' mertu bil-kundizzjoni li tkun ikkwalifikata jew temmet b'suċċess il-kwalifika ta' tagħlim sad-29 ta' Diċembru, 2023. Din titneħħa mill-ordni ta' mertu jekk ma tissodisfax waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1. L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn waħda mill-għażliet imsemmija f'paragrafu 1.2 hawn fuq, billi japplikaw separatament għal kull suġġett/ċiklu/qasam. Madankollu, hija l-prerogattiva tal-MEYR li jagħżel liema suġġett/i u/jew ċiklu/i joffri lill-kandidati magħżulin, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-MEYR.

7.2. L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Online Recruitment Portal tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.3. Minħabba l-esiġenzi tal-MEYR, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkunsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023. Madankollu, wara l-ewwel data tal-għeluq fejn ma jeżisti l-ebda post battal f'ċiklu/suġġett/qasam, il-

a. give a 5 to 7-minute digital presentation in English showing the ability to demonstrate mastery in pedagogy and assessment in an inclusive environment in the subject/area/cycle applied for;

b. Show professional knowledge, competences and attitudes through case study/studies and a series of questions in Maltese.

Eligible applicants are to bring their own laptop/tablet and to provide the selection board with a printed version of the presentation. In the absence of a laptop/tablet, candidates are required to have access to the presentation through a memory stick. The Assessment Criteria may be obtained from (http://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx).

6.2. A successful applicant under clause 4.4 will be placed in the order of merit, subject to the condition that s/he is either fully qualified or has successfully completed his/her teaching qualification, by 29th December, 2023. Failure to satisfy any one of the above conditions will lead to the removal from the merit list.

Submission of Applications

7.1. Applicants may apply for more than one of the options listed in clause 1.2 above, by applying separately for every subject/cycle/area. However, it is the prerogative of MEYR to select under which option to offer employment to the selected candidates, according to the exigencies of the Malta Public Service and MEYR.

7.2. Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, through the Online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 31st May, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.3. Due to the exigencies of MEYR, the selection process will initially consider applications received by 5.15 p.m. (Central European Time) of Tuesday, 16th May, 2023. However, after the first closing date where no vacancy exist in a cycle/subject/area, the profile for that particular cycle/

profil għal dak iċ-ċiklu/suġġett/qasam partikolari jingħalaq u jibqa' magħluq sakemm ikun hemm vakanza. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ notifika li tirreklama li ċ-ċiklu/suġġett/qasam partikolari issa huwa miftuħ u se jibqa' miftuħ sakemm jimtela dak il-post battal.

subject/area will close and remain closed until a vacancy occurs. In such instances, a notification is issued advertising that particular cycle/subject/area is now open and will remain open until that vacancy is filled.

Dawk l-applikanti magħżulin f'kull ċiklu/suġġett/qasam jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Successful candidates in every cycle/subject/area will be placed in an order of merit list which will remain valid for one (1) year from the date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita minħabba vakanzi addizzjonali fiċ-ċiklu/suġġett/qasam imsemmi f'paragrafu 1.2, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikunu ssottomettew l-applikazzjoni sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024. Aktar tagħrif u għajnuna rigward l-applikazzjoni jista' jinkiseb minn Edu Servizz.gov bin-numru tat-telefown 2598 0000.

However, should the order of merit list be exhausted as a result of additional vacancies in the cycle/subject/area mentioned in paragraph 1.2, other applicants may be assessed without recourse to a new call for applications, provided they would have submitted their application by 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 31st May, 2024. Further assistance regarding the application may be obtained from Edu Servizz.gov by telephone number 2598 0000.

7.4. L-applikanti għandhom, flimkien mal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 7.2, jissottomettu applikazzjoni għal warrant temporanju online fuq (https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=est075e), jew iġeddu l-warrant temporanju tagħhom online fuq (https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=est077e).

7.4. Applicants must, together with the application mentioned in paragraph 7.2, submit an online temporary warrant application at (https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=est075e), or renew their temporary warrant online through (https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=est077e).

Ir-rikonoxximent ta' din l-applikazzjoni/tiġdid għandu jiġi sottomess permezz tal-Online Recruitment Portal tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għal warrant/tiġdid temporanju jiġu pproċessati mis-CTP biss jekk applikant jiġi offrut impjieg mal-MEYR.

The acknowledgement of this application/renewal is to be submitted through the Online Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt). Applications for a temporary warrant/renewal will be processed by the CTP, only if an applicant is offered employment with MEYR.

7.5. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.5. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.6. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.6. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.7. L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

7.7. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-28 ta' April, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Assistant Manager fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management) Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2023 huwa ta' €20,270.04 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €22,394.04.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2023 hija ekwivalenti għal €21,630.00 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €23,881.02, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b), f'perjodu ta' mhux iktar minn sentejn (2) mid-data tal-ħatra fejn, fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija.

submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

28th April, 2023

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Assistant Manager in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health invites applications for the post of Assistant Manager in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2023 is equivalent to, €20,270.04 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €22,394.04.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2023 is equivalent to €21,630.00 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €23,881.02, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b), in not more than two (2) years from the date of appointment, failure of which, appointment would be relinquished.

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€23,029.57 x €407.67 - €25,475.59) fis-sena 2023 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-linji maniġerjali/ta' uffiċjal/prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-ispeċjalizzazzjoni, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager jinkludu li:

i. Jgħin lid-Direttur/Kap tal-Unità, jew lid-rappreżentant tiegħu/tagħha billi jassisti fir-responsabbiltà tas-servizzi mogħtija mid-Direttorat;

ii. Jikkordina mad-Direttur u l-Kap tal-Unità, jenfasizza kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala', jipprovdi rakkomandazzjonijiet u jsegwi l-implimentazzjoni;

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, which will progress to Scale 10 (€23,029.57x €407.67 - €25,475.59) in the year 2023 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the managerial/officer/practitioners streams must have served in their current post, and are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in the area of specialisation, in accordance with established vacancies.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager include:

i. Assisting the Director/Head of Unit, or his/her representative by assisting with the responsibility of services delivered by the Directorate;

ii. Liaising with the Director and Head of Unit, highlighting any issues that may arise, providing recommendations and follow through implementation;

iii. Il-kordinazzjoni tas-servizzi li jaqgħu taħt id-Dipartiment/Unità;

iv. Iżomm kuntatt u jiltaqa' mal-partijiet interessati/imsieħba interni u esterni kif ordnat mid-Direttur/Kap tal-Unità;

v. Jgħin fil-kontrolli ta' konformità regolari li jiżguraw li l-politiki stabbiliti jkunu qed jiġu osservati, u jassisti fil-kumpilazzjoni ta' rapporti dwar miżuri korrettivi meħtieġa mill-maniġment superjuri u l-partijiet involuti;

vi. Ixerred informazzjoni u aġġornamenti dwar l-amministrazzjoni pubblika kif meħtieġ:

vii. Jgħin fil-kumpilazzjoni tar-rapporti;

viii. Jappoġġja u jipparteċipa b'mod attiv fl-għoti ta' servizz eċċellenti lill-klijenti speċjalment għal programmi mogħtija mid-Direttorat u jippromovi l-kultura ta' eċċellenza b'mod partikolari l-ethos tas-Servizz Pubbliku;

ix. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-implimentazzjoni tal-proġett inklużi proċessi delegati, u għall-identifikazzjoni ta' titjib tal-proċess għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, innovazzjoni u valur;

x. Iżomm aġġornat mas-sistemi bażiċi tal-kontabbiltà, proċeduri u applikazzjonijiet, u jsegwi t-taħriġ kif mitlub.

xi. Jappoġġja t-tagħlim kontinwu u l-iżvilupp tal-membri tat-tim;

xii. Jikkomunika bejn maniġers, klijenti u impjegati;

xiii. Jindirizza t-tħassib tal-impjegati u tal-klijenti;

xiv. Iwettaq dmirijiet oħra kif assenjati mill-maniġment superjuri minn żmien għal żmien;

xv. Jikkordina u jipparteċipa fil-laqgħat, iżomm il-minuti tal-laqgħat u jara li titwettaq l-azzjoni meħtieġa;

xvi. Jgħin fil-kompiti ta' kuljum, li jinkludu l-immaniġġjar u t-tqassim ta' korrispondenza u talbiet għal informazzjoni, iż-żamma ta' rekords, kif ukoll id-dħul u l-aġġornament ta' informazzjoni bbażata fuq sistemi tal-kompjuter u databases;

xvii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xviii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

iii. Coordinating services that fall under the Department/Unit;

iv. Liaising and meeting with internal and external stakeholders/partners as directed by the Director/Head of Unit;

v. Assists in the regular compliance checks that ensure that the established policies are being observed, and assists in the compilation of reports on corrective measures required by senior management and the parties involved;

vi. Disseminates information and updates about public administration as needed:

vii. Assists in the compilation of reports;

viii. Supports and actively participates in the provision of excellent service to clients especially for programmes delivered by the Directorate and promotes the culture of excellence in particular the ethos of the Public Service;

ix. Contributes to the development of project implementation including delegated processes, and to the identification of process improvements for reasons of simplification, innovation and value;

x. Keeps up to date with basic accounting systems, procedures and applications, and follows training as requested;

xi. Supports the continuous learning and development of team members;

xii. Communicates between managers, customers and employees;

xiii. Addresses employee and customer concerns;

xiv. Performs other duties as assigned by senior management from time to time;

xv. Coordinates and participates in meetings, keeps the minutes of the meetings and sees that the necessary action is carried out;

xvi. Assists in daily tasks, which include handling and distributing correspondence and requests for information, maintaining records, as well as inputting and updating information based on computer systems and databases;

xvii. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xviii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

i. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwi tal-Malti u l-Ingliż;

Eligibility Requirements

